# SPORTIV

**#163**
**LULJU 2023**






# CRACK MONEY INAQQAX ISMU FUQ IT-TAZZA L-KBIRA

Misjuq minn Michael Ellul, il-Franċiż Crack Money rebaħ l-edizzjoni 2023 tal-kompetizzjoni ewlenija tal-istaġun, dik tat-Tazza l-Kbira li saret fil-korsa tal-Marsa. Din kienet riservata għaż-żwiemel tal-klassi Premier fuq distanza twila ta' 2640m u kienet ukoll organizzata bl-għajnuna ta' Bank of Valletta. Il-finali għamlet parti wkoll mill-għoxrin laqgħa tas-sena fuq tmienja kollha ta' trott.

Tnax-il żiemel ħadu sehem fil-finali Premier. Crack Money ħa l-kmand wara ftit metri mill-bidu tal-finali u fetaħ vantaġġ żgħir minn Lucky Guy Boko (Ludvig Ghigo) u Global Undecided (Rodney Gatt). Crack Money baqa' jiġri b'saħħtu sat-tmiem biex ħa t-tieni rebħa fi xtutna faċilment b'tul u nofs minn Lucky Guy Boko li żied ukoll il-pass fl-aħħar u Infinite Knight (Charles Degiorgio). Global Undecided kellu jikkuntenta bir-raba' post minn Charming Soldier (Paul Galea).

Fi tmiem il-finali, is-Sur Kenneth Farrugia CEO ta' Bank of Valletta u l-Ministru Clifton Grima ppreżentaw it-trofew lil Michael Ellul u Stephen Ciangura s-sewwieq u s-sid rispettivament taż-żiemel rebbieħ. Intant Crack Money kellu medja ta' 1.13.7" fil-kilometru.



# SPORTIV

#163
MEJJU 2023



**Fix-xahar ta' Lulju qiegħed jirritorna l-magazine favorit tagħkom li jagħti ħarsa lejn l-isport lokali u internazzjonali. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li se jsiru f'pajjiżna dan ix-xahar. Dawn huma kkunsidrati bħala l-avveniment sportiv ewlieni li se jsir din is-sena f'pajjiżna.**

Nagħtu ħarsa wkoll lejn ir-rebħ tal-kampjonat Premier min-naħa ta' Ħamrun Spartans u r-rebħ tal-kampjonat tas-Serie A fl-Italja min-naħħa ta' Napoli u tal-Premier League Ingliż minn Manchester City.

Għad-dilettanti tat-tiġrijiet taż-żwiemel inwasslu tagħrif dwar ir-rebħ tal-kompetizzjoni prestiġjuża tat-Tazza l-Kbira minn Crack Money misjuq minn Michael Ellul. Mix-xena onternazzjonali wkoll inwasslulkom informazzjoni interessanti dwar kampjonati organizzati mill-FIFA u nanalizzaw ukoll il-ftuħ tal-istaġun tal-Formula 1.

Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom. Ħajr dejjem imur lejn Joellson Bezzina li ħa ħsieb id-disinn u lejn Rachel Sladden li assistiet ukoll fit-tħejjija ta' din il-pubblikazzjoni.

Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv... jibqa' l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.

*Kenneth Vella*
kennethvella@hotmail.com
sportiv@unionprint.com.mt

SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn
Union Print Co. Ltd, Marsa.
Dan il-magazin jingħata b'xejn mal-gurnal IT-TORĊA u l-ebda parti minnu
ma tista' tigi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.

**Dipartiment tal-Avviżi** 25900200 / 230 / 235 | adverts@unionprint.com.mt
**Disinn** Joellson Bezzina | design@unionprint.com.mt

# Malta se tospita l-Fażi finali tal-Kampjonat UEFA ta' taħt id-19-il sena

Dawk kollha li huma appassjonati tal-futbol, se jkunu attenti għall-istillel emerġenti hekk kif Malta se tkun qed tospita l-Kampjonat UEFA ta' taħt id-19-il sena bejn it-3 u s-16 ta' Lulju 2023.

Dawn se jkunu ġimagħtejn eċitanti għall-pajjiżna hekk kif l-aħjar seba' timijiet minn madwar l-Ewropa se jingħaqdu ma' pajjiżna biex jikkompetu kontra xulxin biex wieħed minnhom jirbaħ il-logħba finali ta' din il-kompetizzjoni li se ssir nhar il-Ħadd 16 ta' Lulju.

Is-seba' pajjiżi li se jikkompetu huma taħlita ta' pajjiżi kkunsidrati ġganti tal-futbal bħall-Italja, Spanja u l-Portugall li magħhom jingħaqdu pajjiżi aspiranti bħall-Polonja, il-Greċja, in-Norveġja u Iżlanda li qegħdin f'din il-fażi għall-ewwel darba fl-istorja ta' din il-kompetizzjoni. Magħhom hemm ovvjament Malta li se jkunu qed jagħmlu minn kollox biex jagħmlu lil pajjiżna kburi.

Il-poloz ta' dan it-tournament ittellgħu nhar id-19 ta' April fit-Teatru Manoel fil-Belt Valletta. Malta se tkun qed tilgħab fi Grupp A flimkien mal-Italja, il-Polonja u l-Portugall. Filwaqt li fi Grupp B wieħed isib l-Iżlanda, il-Greċja, in-Norveġja u Spanja.

"Aħna ninsabu preparati biex nospitaw din il-kompetizzjoni f'pajjiżna, liema kompetizzjoni se tkun qed isservi ta' pjattaforma biex wieħed jesperjenza t-talenti emerġenti fil-Football Ewropew," qal Bjorn Vassallo, President tal-Malta FA.

"Jien ninsab kunfidenti li dan it-tournament se jilħaq il-livelli mixtieqa fejn jidħol kwalità ta' football, livell ta' organizzazzjoni u emozzjonijiet hekk kif it-timijiet se jkunu qegħdin jissieltu biex wieħed minnhom ikunu nkurunat champion tal-Kampjonat UEFA ta' taħt id-19-il sena."

MATCHDAY 1

**It-Tnejn 3 ta' Lulju**
**Grupp A**
Il-Polonja vs l-Portugall (18:00, Stadium Tony Bezzina, Paola)
Malta vs l-Italja (21:00, Stadium Nazzjonali, Ta' Qali)

**It-Tlieta 4 ta' Lulju**
**Grupp B**
In-Norveġja vs l-Greċja (18:00, Stadium taċ-Ċentinarju, Ta' Qali)
L-Iżlanda vs Spanja (21:15, Stadium taċ-Ċentinarju, Ta' Qali)

MATCHDAY 2

**Il-Ħamis 6 ta' Lulju**
**Grupp A**
Il-Portugall vs l-Italy (18:00, Stadium taċ-Ċentinarju, Ta' Qali)
Malta vs l-Polonja (21:15, Stadium taċ-Ċentinarju, Ta' Qali)
Il-Ġimgħa 7 ta' Lulju
**Grupp B**
Il-Greċja vs Spanja (18:00, Stadium ta' Ghawdex, Xewkija)
L-Iżlanda vs in-Norveġja (21:00, Stadium Tony Bezzina, Paola)

MATCHDAY 3

**Il-Ħadd 9 ta' Lulju**
**Grupp A**
L-Italja vs l-Polonja (18:00, Stadium Nazzjonali, Ta' Qali)
Il-Portugall vs Malta (18:00, Stadium ta' Ghawdex, Xewkija)

**It-Tnejn 10 ta' Lulju**
**Grupp B**
Spanja vs n-Norveġja (21:00, Stadium Nazzjonali, Ta' Qali)
Il-Greċja vs l-Iżlanda (21:00, Stadium Tony Bezzina, Paola)

IS-SEMIFINALI

**Il-Ħamis 13 ta' Lulju**
18:00, Stadium Tony Bezzina, Paola
21:00, Stadium Nazzjonali, Ta' Qali
Fis-semifinali, ir-rebbieħa ta' Grupp A se jilagħbu kontra dawk li spiċċaw fit-tieni post fi Grupp B u viċeversa. .

FINALI

**Il-Ħadd 16 ta' Lulju**
21:00, Stadium Nazzjonali, Ta' Qali

# Kif jista' wieħed jara l-logħbiet?

Malta se tibda din l-avventura kontra l-Italja. Logħba ferm mistennija li se tkun qed tagħti bidu għal din il-kompetizzjoni nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju. Fl-istess ġurnata l-Polonja jilagħbu kontra l-Portugall.

Fi Grupp B MD1 tinkludi n-Norveġja kontra l-Greċja u l-Iżlanda kontra Spanja li rebħu din il-kompetizzjoni tmien darbiet.

Iż-żewġ timijiet li jispiċċaw fl-ewwel żewġ postijiet tal-klassifika jgħaddu għas-semifinali.

# Kont taf li?

## Uħud mill-aqwa players tal-futbal li ħadu sehem f'din il-kompetizzjoni UEFA jinkludu:

L-Ingilterra: Michael Owen, Gary Neville, Sol Campbell, Frank Lampard, Paul Scholes, Harry Kane, Phil Foden, Jadon Sancho, Mason Mount

Franza: Mikaël Silvestre, William Gallas, Thierry Henry, David Trezeguet, Paul Pogba, Antoine Griezmann, Kingsley Coman, Kylian Mbappé

Repubblika Ċeka: Petr Čech

Il-Ġermanja: Mesut Özil, Joshua Kimmich, Manuel Neuer, Philipp Lahm

L-Italja: Gianluigi Buffon, Francesco Totti, Andrea Pirlo

L-Olanda: Patrick Kluivert, Clarence Seedorf, Frank de Boer, Frenkie de Jong

In-Norveġja: Erling Haaland

Il-Portugall: Luís Figo, Bernando Silva

Ir-Repubblika tal-Irlanda: Roy Keane, Robbie Keane

Spanja: Andrés Iniesta, Fernando Torres, David Silva, Sergio Ramos, Gerard Piqué, Juan Mata,Thiago Alcantara






# 2022-23




# Ħamrun Spartans Champions għad-9 darba

## It-tieni kampjonat fi tliet snin mirbuħ taħt il-President Joseph Portelli

### Birkirkara FC rebħu l-Izibet FA Trophy għas-sitt darba

Ħamrun Spartans huma ċ-Champions ta' Malta għad-disa' darba fl-istorja tagħhom u għat-tieni sena fi tliet snin taħt il-Presidenza ta' Joseph Portelli. Immexxija mill-kowċ Branko Nisevic, Ħamrun rebħu t-titlu erba' partiti qabel minn tmiem il-kampjonat. It-tieni unur prestiġjuż tal-futbol Malti ntrebaħ minn Birkirkara FC li rebħu l-Izibet FA Trophy għas-sitt darba. Fil-final għelbu lil Marsaxlokk 2-0. Birkirkara spiċċaw ukoll runners-up wara Ħamrun Spartans fil-Kampjonat.

Ħamrun Spartans għamlu ċert mir-rebħ ta' dan it-titlu wara li għelbu 2-1 lil Gżira Utd tard fil-logħba li minnha riedu punt.

Dan is-suċċess ifisser li Ħamrun Spartans se jerġgħu jilagħbu fiċ-Champions League wara s-suċċess li kellhom fil-kompetizzjoni ta' dan l-istaġun fejn kienu biss logħba bogħod milli jagħmluha għall-fażi tal-gruppi.

Apparti r-riżultati biex Ħamrun waslu għal dan it-titlu l-iskwadra tal-Ispartans kienet waħda kompatta fejn tul kampjonat shiħ darba biss ħarġu telliefa u din kienet kontra t-tim relegat ta' Żebbuġ Rangers. Logħba li tilfu 4-2, fejn kienet twaqqfet minħabba l-maltemp u kompliet f'okkażjoni oħra.

**Il-players kollha li taw it-titlu lil Ħamrun Spartans huma:**

Goalkeepers – Henry Bonello (Malta), Pablo Sanchez (Spanja), Anthony Curmi (Malta), Tom (Brażil)

Difensuri/Midfielders – Sean Schembri (Malta), Steve Borg (Malta), Rodrigo Gallegari (Arġentina), Vinicuis (Brażil), Emerson Marcellina (Brażil), Matthew Guillaumier (Malta), Ognejn Bjelicic (Serbja), Roko Prsa (Kroazja), Ryan Camenzuli (Malta), Bjorn Buhagair (Malta), Sven Xerri (Malta)

Attakkanti – Jonny (Brażil), Joseph Mbong (Malta). Juan Corbolan (Malta), Ederson (Brażil), Dodo (Cape Verde), Claudio Murici (Brażil), Kalle Holmberg (Żvezja), Luke Montebello (Malta), Elvis Mashike (Repubblika Demokratika Congo), Leon Borg (Malta)

Sfortunatament Ħamrun ma jistgħux jagħmlu double għax fil-kwarti finali kienu eliminati minn Birkirkara. Ħamrun fl-istorja tagħhom minbarra disa' darbiet il-kampjonat rebħu sitt darbiet it-Trophy u ħames darbiet is-Super Cup.






# Unuri oħra

BIRKIRKARA rebħu l-Izibet FA Trophy għas-sitt darba. Fil-final għelbu lil Marsaxlokk 2-0 wara li fis-semifinali eliminaw lil Mosta FC waqt li Marsaxlokk eliminaw lil Gżira Utd bil-penalties wara draw ta' 0-0.

BIRKIRKARA spiċċaw it-tieni fil-Premier u għalhekk huma ċerti minn post fil-kompetizzjoni Europa Conference League. Magħhom ikkwalifikaw ukoll Gżira Utd li spiċċaw it-tielet.

SLIEMA WDS u NAXXAR LIONS ġew promossi mill-ġdid għall-Kampjonat Premier wara li spiċċaw l-ewwel u t-tieni fiċ-Challenge League. Sliema Wds huma wkoll iċ-Champions ta' dan il-kampjonat. Sta Luċia żammew posthom fil-Premier wara li fil-play-off għelbu lil Żejtun Corinthians 2-0.

SENGLEA ATH huma ċ-Champions tan-National Amateur League. Magħhom ġew promossi wkoll Msida St. Joseph, Luqa St. Andrew's u Zabbar St. Patrick FC. Sa tmiem l-istaġun Zabbar St. Patrick rebħu National Amateur Cup għat-tieni staġun konsekuttiv u ċ-Champions Senglea Ath rebħu n-National Amateur Supercup.

## Ir-riżultati kollha miksuba minn Ħamrun Spartans biex saru Champions kienu dawn:

| | |
|---|---|
| v Marsaxlokk FC | 1-0. 1-0 |
| v Hibernians FC | 4-1, 1-0 |
| v Pieta Hotspurs | 2-0, 2-1 |
| v Sirens FC | 2-0, 3-0 |
| v Floriana FC | 2-0, 1-0 |
| v Valletta FC | 1-0, 1-0 |
| v Birkirkara FC | 0-0, 0-0 |
| v Mosta FC | 2-1, 2-1 |
| v Gżira Utd | 2-1, 1-0 |
| v Balzan FC | 1-0, 4-0 |
| v Żebbuġ R. | 2-4, 4-0 |
| v Gudja Utd | 1-0, 2-0 |
| v St. Luċia FC | 2-0, 1-1 |

Minn 26 logħba huma rebħu 22, ġew draw tlieta u tilfu logħba. Huma tellgħu total ta' 69 punt.

L-aqwa skorer ta' Ħamrun Spartans hu Elvis Mahsika Susika bi 18-il goal waqt li l-aqwa skorer tal-Kampjonat hu Jefferson ta' Gżira Utd b'20 goal.





# TIM NAZZJONALI

# Malta terġa' titlef 4-0 kontra l-Ingilterra f'Ta' Qali







**Rebħa f'logħba ta' tħejjija kontra Lussemburgu**

Fis-16 ta' Ġunju fl-Istadium Nazzjonali Malta ospitat lit-tim nazzjoinali Ingliż fis-sitt logħba internazzjonali kontra Malta u l-ħames waħda kompetittiva bejn iż-żewġ pajjiżi. Malta tilfet din il-logħba 4-0 b'autogoal ta' Ferdinando Apap, Harry Kane minn penalty, Trent Alexander Arnold u penalty ieħor ta' Callumn Wilson.

L-ewwel logħba bejn Malta u l-Ingilterra kienet intlagħbet fit-3 ta' Frar tal-1971 quddiem l-Empire Stadium tal-Gżira li kien ippakkjat. Malta kienet tilfet 1-0 f'din il-logħba tat-Tazza tan-Nazzjonijiet Ewropej. Minn dakinhar Malta ospitat lill-Ingilterra darbtejn oħra fl-Istadium nazzjonali f'Ta' Qali . Fit-3 ta' Ġunju f'logħba ta' ħbiberija li Malta tilfet 2-1 u fl-1 ta' Settembru tal-2017 li Malta tilfet 4-0 f'logħba ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja 2018.

Bi tħejjija għal logħba kontra l-Ingilterra, Malta lagħbet logħba ta' ħbiberija kontra Lussemburgu fil-Lussemburgu u rebħet 1-0 b'goal ta' Kieran Nwoko fl-64 minuta.

**Telfa kontra l-Italja**

Malta għadha kemm lagħbet kontra l-Italja mill-istess Euro 2024 u li f'Ta' Qali Malta tilfet 2-0. Malta fetħet il-logħbiet tagħha minn dan il-grupp ta' kwalifikazzjoni b'telfa ta' 2-1 kontra l-Maċedonja ta' Fuq fi Skopje. Malta lagħbet b'dawn il-formazzjonijiet:

**23-03-2023 Skopje**

**Maċedonja ta' Fuq v Malta 2-1 (0-0)**

Henry Bonello, Cain Attard, Steve Borg – captain, Ferdinando Apap, Ryan Camenzuli (Yannick Yankam 78 min), Bjorn Kristensen (Juan Carlos Corbolan 78 min), Matthew Guillaumier, Joseph Mbong, Paul Mbong ( Shaun Dimech 68 min ), Alex Satariano (Jodi Jones 85 min), Teddy Teuma (Brandon Paiber 86 min)

Skorja – Yannick Yankam 86 min

**26-03-2023 Ta' Qali**

**Malta v Italja 0-2 (0-2)**

Henry Bonello, Ferdinando Apap (James Brown 83 min), Steve Borg - captain, Cain Attard (Zach Muscat 64 min), Joseph Mbong, Yankam, Matthew Guillaumier, Nikolai Muscat (Teddy Teuma 76 min), Juan Carlos Corbolan, Alex Satariano (Kryrian Nwoko 64 min), Jodi Jones (Shaun Dimech 76 min)

Minn dawn iż-żewġ logħbiet Malta kienet taħt it-tmexxija tal-kowċ il-ġdid Michele Marcolini li nħatar minflok kowċ Taljan ieħor Davis Manga li kellu jħalli l-kariga minħabba ċirkostanzi straordinarji li ma kinux mistennija. Taħt Manga, it-tim nazzjonali wettaq progress notevoli u diversi riżultati miksuba kienu pożittivi. Marcolini li għandu 47 sena bħala player lagħab ma' Bari, Torino, Atalanta u Chievo Verona. Hu kkowċja diversi timijiet fis-Serie B u Serie C u fl-istaġun 2016-17 rebaħ ma' Alessandria l-Coppa Italia tas-Serie C.

Irridu nsemmu li fil-logħbiet away kontra l-Ingilterra li ntlagħbu f'Wembley Stadium Malta tilfet 5-0 fit-13 ta' Mejju 1971 u 2-0 fit-8 ta' Ottubru 2016, it-tnejn logħbiet kompetittivi. Minn din l-aħħar logħba bejn Malta u l-Ingilterra, fl-iskwadra preżenti għad hemm biss żewġ players Steve Borg u Bjorn Kristensen mit-tim ta' dakinhar, Malta se jkollha l-opportunità li terġa' tilgħab fl-istadium maestuż ta' Wembley fis-17 ta' Novembru ta' din is-sena.

Apparti din il-logħba f'Wembley Stadium, Malta se jkun jonqosha tilgħab kontra l-Ukrajna, logħba kontra l-Ingilterra, logħba oħra kontra l-Italja u wkoll logħba kontra l-Maċedonja ta' Fuq b'dan il-programm:

12 ta' Settembru 2023 v Maċedonja ta' Fuq (h)

14 ta' Settembru 2023 v Italja f'Bari (a)

17 ta' Orrubru 2023 v Ukrajna (h)

17 ta' Novembru 2023 v Ingilterra (a)

Qabel l-ewwel żewġ logħbiet ta' kwalifikazzjoni mill-Euro 2024 kontra l-Maċedonja ta' Fuq u l-Italja, Malta lagħbet tliet logħbiet ta' ħbiberija wara li spiċċa Mangia u r-riżultati kienu pożittivi

v Iżrael 2-1

Skurjaw – Alexander Satariano 84 min, Ferdinando Apap 86 min.

v Greċja 2-2

Skurjaw – Jurgen Degabriele 54 nin, Teddy Teuma 67 min penalty

v Irlanda 0-1

Għal dawn l-aħħar żewġ logħbiet il-kowċ kien Gilbert Agius li f'dak il-perjodu kien ukoll il-kowċ nazzjonali ta' taħt il-21 sena

Il-logħbiet li Malta lagħbet kontra l-Italja u l-Ingilterra bejn Marzu u Ġunju, jfisser li Malta f'temp ta' tliet xhur lagħbet kontra ċ-Champions Ewropej l-Italja u l-viċi champions l-Ingilterra.





# Malta tirbaħ id-19-il edizzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar b'total ta' 97 midalja

## Tirbaħ 38 midalja tad-deheb u għall-ewwel darba tgħaddi lil Ċipru u Lussemburgu

Malta rebħet l-edizzjoni ta' din is-sena b'rekord assolut ta' midalji, 39 deheb, 30 fidda u 29 bronż għal total ta' 97 midalja biex għall-ewwel darba fi tmiem id-19-il edizzjoni spiċċat quddiem Ċipru li ġew it-tieni bi tmien midalji aktar u Lussemburgu t-tielet. Dan hu suċċess mingħajr preċedent għax l-aħjar riżultati miksuba kien fl-edizzjonijiet tal- 1993 u l-2003 f'Malta u l-2011 f'Liechtenstein fejn Malta kienet spiċċat fir-raba' post dakinhar minn fost tmien pajjiżi. Fl-aħħar edizzjoni qabel din ta' Malta din is-sena, fl-2019 fil-Montenegro Malta kienet spiċċat fis-7 post.

L-aktar darba li Malta rebħet midalji tad-deheb kien 11 fl-2003. Did-darba rebħet 38, 15 minnhom fl-atletika. Meta mqabbel maż-żewġ edizzjonijiet li saru f'Malta, il-progress kien wieħed notevoli u eċċezzjonali u dan jidher mill-ammont ta' midalji mirbuħa. 30 sena ilu fl-edizzjoni tal-1993, Malta rebħet 31 midalja - 4 deheb, 7 fidda u 20 bronż waqt li 20 sena ilu fl-edizzjoni tal-2003 Malta rebħet total ta' 41 midalja – 11 deheb, 15 fidda u 15 bronż.

Il-Ministru tal-Edukazzjoni u Sport Clifton Grima qal li l-ġimgħa tal-Logħob kienet ġimgħa kbira fl-istorja tal-Isport Malti u dan li din kienet opportunita' li niċċelebraw l-atleti, il-coaches, l-uffiċjali, l-Assoċjazzjonijiet Sportivi. Il-Kumitat Olimpiku Malti, Sport Malta, il-Kumitat Organizzattiv, il-voluntieri, il-midja u l-pubbliku inġenerali segwa bi ħġaru dan il-Logħob. Kemm iċ-cerimonja tal-ftuħ li saret fid-29 ta' Mejju kif ukoll iċ-ċerimonja tal-għeluq li saret fit-3 ta' Ġunju saru fuq il-Fosos tal-Floriana li t-tnejn kienu spettakolari.

F'ċelebrazzjoni oħra li saret fi Pjazza Kastilja, l-atleti ltaqgħu mal-Prim Ministru Robert Abela u f'dik l-okkażjoni tħabbar li l-Gvern kien se jibqa' jgħin l-isport Malti b'għotja oħra ta' ħames miljun euro. Dan minbarra li l-Gvern se joħroġ 380,000 euro u 10,000 euro għal kull midalja tad-deheb mirbuħa.

L-20 edizzjoni tal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li ssir kull sentejn u li huma miftuħa għall-pajjiżi Ewropej b'popolazzjoni ta' miljun jew anqas se ssir f'Andorra fl-2025.

| Rank | NOC | Gold | Silver | Bronze | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | MLT Malta | 38 | 29 | 29 | 96 |
| 2 | CYP Cyprus | 30 | 28 | 29 | 87 |
| 3 | LUX Luxembourg | 15 | 22 | 28 | 65 |
| 4 | MON Monaco | 13 | 8 | 12 | 33 |
| 5 | ISL Iceland | 11 | 13 | 18 | 42 |
| 6 | SMR San Marino | 6 | 9 | 7 | 22 |
| 7 | MNE Montenegro | 5 | 6 | 8 | 19 |
| 8 | AND Andorra | 4 | 7 | 10 | 21 |
| 9 | LIE Liechtenstein | 2 | 2 | 5 | 9 |

# Ir-rebbieħa tat-38 midalja tad-deheb għal Malta kienu dawn:

**SPARAR (3)**

1, Pistola Nisa - Eleanor Bezzina

2, Double Trap Irġiel – Matthew Grech

3, Skeet Irġiel – Clive Farrugia

**JUDO (1)**

4. 48 Kgs Nisa – Katyrn Esposito

**IBBURDJAR (3)**

5, Men's Optimist – Timmy Vassallo

6. Womens Optimist – Emily Fenech

7. Women's LOA 4 – Katrina Micallef

**TENNIS (3)**

8. Men's Singles – Matija Pecotic

9. Men's Doubles – Matija Pecotic/ Matthew Asciak

10.Women's Doubles – Francesca Curmi/ Elaine Genovese

**GĦAWM (4)**

11. 4 x 100 m Irġiel – Matthew Galea, Kyle Micallef, Rudi Spiteri, Raoul Stafrace

12. 50m freestyle Irġiel – Kyle Micallef

13. 100m breast Nisa – Georgia Kate Bohl

14. 50m breast Nisa - Geiorgiua Kate Bohl

**TABLE TENNIS (4)**

15. Women's Doubles – Camelia Jacob/ **Renata Strbikova**

16. Men's Singles – Felix Wetzel

17. Women's Team - Camelia Jacob/ Renata Strbikova/.Anthea Cutajar/ Viktoria Lucenkova

18. Men's Team – Felix Wetzel/ Dimitiri Prokopcov / Daniel Bajada/ Gabriel Grech

**SQUASH (5)**

19. Ladies Singles – Colette Sultana

20. Ladies Doubles – Colette Sultana/ Lijana Sultana

21. Men's Doubles – Bradley Hindle Deguara/ Kijan Sultana

22. Men;s Team – Nial Ebejer, Dean Gera, Bradley Hindle Deguara, Kresten Houlgaard

23. Mixed Doubles – Nial. Engerer/ Colette Sultana

**ATLETIKA (15)**

24. Pole Vault Nisa – Peppina Dalli

25. Long Jump Nisa – Claire Azzopardi

26. 800 m Irġiel – Jared Micallef

27. 800m Nisa – Gina McNamara

28. 10,000m Nisa – Lisa Bezzina

29. 10,000m Irġiel – Jordan Gusman

30. 400m Nisa – Janet Richards

31. Triple Jump Nisa – Claire Azzopardi

32. 1,500m Nisa – Gina McNamara

33. 200m Irġiel – Graham Pellegrini

34. Triple Jump Irġiel – James Armani

35. 4 x100m Irġiel – Luke Bezzina, Di Gaetano, Beppe Grillo, Graham Pellegrini

36. 4 x 100m Nisa - Janet Ricjards, Claire Azzopardi, Carla Scicluna, Charlotte Wingfield

37. 5,000m Irġiel – Jordan Gusman

38. 5,000m Nisa – Gina McNamara



# SERIE A 2022-23

# Napoli CHAMPIONS tas-Serie A għat-tielet darba

Temmew il-kampjonat b'vantaġġ ta' 16-il punt fuq Lazio





AC Napoli huma Champions tas-Serie A għat-tielet darba. Huma rebħu dan il-kampjonat b'vantaġġ sostanzjali ta' punti, L-aħħar titlu rebħuh 23 sena ilu fl-1990, tliet snin wara li kienu saru Champions għall-ewwel darba fl-era li l-Partenopei kellhom jilgħab magħhom il-leġġendarju internazzjonali Arġentin Diego Armando Maradona li kien issieħeb magħhom fl-1984. Maradona baqa' f'qalb in-Naplitani kollha tant li wara mewtu semmew Stadio San Paolo għalih u issa sar magħruf bl-isem ta' Stadio Diego Armando Maradona.

B'Aurelio De Laurentis President u Luciano Spalletti coach, Napoli litteralment ġrew bil-kampjonat fejn spiċċaw b'vantaġġ ta' 16-il punt fuq Lazio, 18-il punt fuq Inter u 20 fuq Milan. Juventus li tnaqqsulhom 10 punti temmew fis-7 post bi 62 punt. Napoli fl-istorja taħhom rebħu sitt darbiet il-Coppa Italia, darbtejn is-Supercup u darba t-Tazza UEFa meta kien għad kellhom magħhom lil Maradona.

Bir-rebħ tal-Kampjonat deċiż it-taqtigħa sa tmiem l-istaġun kienet min se jkunu t-tliet timijiet l-oħra li se jilagħbu fiċ-Champions League u Roma, Atalanta u Juventus jieħdu sehem fl-Europa League u fil-Conference League. Fin-naħa t'isfel tal-klassifika t-tliet timijiet li tilfu posthom mis-Serie A kienu Spezia, Cremonese u Sampdoria

L-iskwadra li bena Spalletti li fl-istaġun l-ieħor kien wassal lil Napoli sat-tielet post tas-Serie A tinkludi lill-internazzjonali Taljani Matteo Politano u Giacomo Raspadori. B'kollox minn skwadra ta' 28 player, għaxra biss huma Taljani, il-kumplament huma mill-Polonja, Brażil, Slovakkja, Portugall, Urugwaj, Norveġja, Kosovo, Kamerun, Maċedonja ta' Fuq, Franza, Korea t'Isfel, Georgia, Messiku, Ġermanja, Niġerja u Arġentina. Minn din id-diversità ta' players qed jispikka l-attakkant Niġerjan Victor Osimhen li fi 23 logħba kien l-aqwa skorer tat-tim u tas-Serie A b'21 gowl . Player ieħor li jsib ix-xibka regolarment għal Napoli hu l-player internazzjonali mill-Georgia Khvicka Kvarakskhelia li skorja 12-il gowl f'25 logħba. Il-goalkeepers huma t-Taljani Alex Meret u Pierlugi Gollini. Fid-difiża spikka l-Korean Min Jai Kim, il-Portugiż Mario Rui u n-Norveġiż Leo Ostigard.

Frank Anguissa mill-Kamerun, Tangay Ndombele minn Franza u Piotr Zelinski mill-Polonja jilagħbu fil-midfield waqt li fl-attakk minbarra Osimhen u Kvarakskhelia għandhom ukoll lill-internazzjonali Messikan Hirving Lozano u wkoll lill-Arġentin Giovanni Simeone. Dan tal-aħħar hu iben l-eks internazzjonali Arġentin u llum kowċ ta' Atletico Madrid minn Diċembru 2011, Diego Simeone.

Il-Coppa Italia ntrebħet minn Inter li fil-final għelbu lil Fiorentina 2-1 wara li fis-semifinali Inter eliminaw lil Juventus u Fiorentina lil Cremonese.

Tliet timijiet Taljani kienu fil-finali tat-tliet tazzi Ewropej. Inter tilfu 1-0 kontra Man City fil-final tac-Champions League f'Istanbul, Roma tilfu l-final tal-UEFA Europa League kontra Seville 4-1 bil-penalties wara draw ta' 1-1 f'Budapest u Fiorentina tilfu l-finali tal-Europa Conference League 2-1 kontra West Ham fi Praga.










# Manchester City ikomplu jiddominaw u jirbħu treble

## Intemmu l-istaġun bir-rebħ taċ-Champions League

Manchester City huma mill-ġdid Champions tal-Ingilterra għad-disa' darba fl-istorja tal-klabb. Kien it-tielet titlu konsekuttiv u l-ħames wieħed mirbuħ taħt l-Ispanjol Pep Guardiola li ilu manager tas-City minn Lulju 2016 b'kuntratt li jintemm f'Ġunju tal-2025. Huma temmew l-istaġun bir-rebħ tat-treble għax rebħu wkoll l-FA Cup u ċ-Champions League, 23 sena wara li kellhom dan l-istess suċċess Man Utd. F'Istanbul rebħu għall-ewwel darba ċ-Champions League b'rebħa ta' 1-0 fuq Inter b'gowl ta' Rodri.

Man City għamlu ċert mir-rebħ ta' dan il-kampjonat propju lejn l-aħħar logħbiet għaliex għal staġun sħiħ kienu Arsenal li ddominaw iżda waqqgħu għadd ta' punti lejn l-aħħar tal-istaġun. Fil-fatt minn 7 logħbiet lejn tmiem l-istaġun huma tilfu 10 punti minn total ta' 21 punt u dan ikkomprometta ċ-ċansijiet tal-Gunners li jsiru Champions għax Man City baqgħu jirbħu logħba wara l-oħra. Arsenal kellhom tmien punti vantaġġ fuq Man City qabel is-City ġew draw 2-2 għand Liverpool.

Wara Arsenal ġew 2-2 ma' West Ham, 3-3 kontra Southampton u tilfu 4-1 ma' Man City u 0-3 kontra Brighton fl-Emirates. Qabel dawn il-logħbiet, Arsenal kienu tilfu f'darhom 1-3 kontra Man City. Kollox ma' kollox kien staġun pożittiv għat-tim ta' Mikel Arteta li aċċertahom minn post fiċ-Champions League ta' staġun ieħor flimkien ma' Newcastle Utd u Man Utd.

Fost il-protagonisti ta' Man City f'dan l-istaġun kien hemm fuq quddiem nett, l-internazzjonaii Norveġiż Erling Haaland li għandu 22 sena. F'dan l-istaġun hu skorja aktar minn 35 goal biex kiser ir-rekord ta' l-aktar player li skorja goals fil-Premier League kemm ilu li kien introdott fl-1992.

Bil-35 goal tiegħu hu kiser ir-rekord ta' 34 goal imwaqqaf minn Andy Cole u Alan Shearer. Dan l- istaġun l-aktar qrib tiegħu bħala l-aqwa skorer kien Harry Kane ta' Tottenham li rebaħ dan l-unur tliet darbiet wara li fl-istaġun l-ieħor qasmu dan l-unur Mohammed Salah ta' Liverpool u Heung Min Son ta' Tottenham.








Haaland sar ukoll l-ewwel player li fi staġun wieħed fil-kompetizzjonijiet kollha skorja sitt hat-tricks. Dawn skurjahom erbgħa fil-kampjonat, wieħed fiċ-Champions League u ieħor fl-FA Cup

27 ta' Awwissu v C. Palace 4-2 (Kampjonat)

31 ta' Awwissu v Nottingham Forest 6-0 (Kampjonat)

2 ta' Ottubru v Man Utd 6-3 (Kampjonat)

22 ta' Jannar v Wolves 3-0 (Kampjonat)

14 ta' Marzu v RB Leipzig 7-0 (Champions League)

18 ta' Marzu v Burnley 6-0 (FA Cup K/F)

Haaland dan l-istaġun ingħata l-unur ta' Player tas-Sena tal-Football Writers Association tal-Ingilterra. Hu ovvju wkoll li l-moħħ wara dawn is-suċċessi li ma jispiċċaw qatt ta' Man City hu Pep Guardiola li minn kemm ilu jmexxi lis-City minn Lulju 2016 f'aktar minn 400 logħba rebaħ ħames darbiet il-Kampjonat, erba' League Cup, darba l-FA Cup u tliet darbiet il-Community Shield. Barra l-UEFA Champions League u l-FA Cup għal darba oħra.

Dawn mhumiex l-uniċi unuri li Guardiola rebaħ kemm ilu coach, u wieħed irid jiftakar ukoll meta kien ma' Barcelona u Bayern Munich. Fl-erba'snin li kkowċja lil Barcelona bejn l-2008 u l-2012, hu rebaħ tliet darbiet il-kampjonat, darbtejn it-Tazza Spanjola, darbtejn iċ-Champions League, darbtejn is-Super Cup Ewropea u darbtejn il-FIFA World Club Cup. Fit-tliet staġuni ma' Bayern bejn l-2013 u l-2016, Guardiola, rebaħ tliet darbiet il-Bundesliga, darbtejn it-Tazza Ġermaniża, darba l-UEFA Super Cup u darba l-FIFA World Club Cup.

Ma' Arsenal kien hemm timijiet oħra li spikkaw u marru tajjeb bħal Newcastle Utd, Brighton, Aston Villa, Brentford u Fulham. Brighton se jilagħbu għall-ewwel darba fl-Europa League u Aston Villa eks Champions Ewropej ħadu post Tottenham fl-Europa Conference League. West Ham li rebħu l-final tal-Conference League 2-1 kontra Fiorentina se jilagħbu fil-UEFA Europa League wkoll.

Tliet timijiet li kellhom staġun inkonsistenti jew kważi kienu Man Utd, Liverpool. Tottenham u Chelsea b'dawn l-aħħar żewġ timijiet baqgħu barra mill-Ewropa. Man Utd minkejja li rnexxielhom jispiċċaw fost l-ewwel erbgħa u rebħu wkoll l-FL Cup u tilfu l-FA Cup 2-1 kontra Man City b'doppjeta ta' Gundogan għas-City u gowl ta' Bruno Fernandes għall-Unyted. Hu żgur li Erik Ten Hag fl-ewwel staġun tiegħu għamel kulma seta' biex iżomm għoli l-isem ta' Man Utd.

Liverpool min-naħa tagħhom bdew ħażin u kien propju fl-aħħar xahrejn tal-Kampjonat li huma rkupraw fil-ħin u kisbu post fl-Europa League u salva wkoll postu Jurgen Klopp. Tottenham kellhom staġun ieħor diżappuntanti u baqgħu bla unur u tilfu posthom fl-Ewropa. Spurs bdew l-istaġun tajjeb taħt Antonio Conte u kien hemm prospetti sbieħ iżda kollox ikkrolla meta sfortunatament Conte marad u kien jeħtieġlu intervent mediku u baqa' ma rkuprax għalkollox u kellu jwarrab. Ma' dan bdew ġejjin riżultati ħżiena u sa tmiem l-istaġun inbidlu żewġ coaches u biex kollox jiġi ħażin weġġgħulhom players importanti fit-tul bħalma huma Hugo Lloris, Betancur, Bissouma u Sessegnon. Imma l-agħar minn dawn it-tlieta kien hemm Chelsea li minkejja l-miljuni kbar li nefqu u l-players li ġabu se jibqgħu barra mill-Ewropa, Wara ftit logħbiet wara telfa kontra Dinamo Zagreb fiċ-Champions League neħħew lill-kowċ Thomas Tuchel u ħatru lil Graham Potter eks Brighton iżda xorta komplew ħażin u keċċewh biex issa spiċċaw mill-ġdid bi Frank Lampard. Issa hu kważi ċert li l-manager li jmiss se jkun Maurizio Pochettino eks Tottenham Hotspur.

L-istess Lampard kien wieħed minn għaxar managers li tkeċċew matul l-istaġun meta kien ma' Everton. Tkeċċew ukoll il-managers ta' Bournemouth (Scott Parker), Aston Villa (Steven Gerrard), Leicester City (Brandon Rogers), Southampton (Ralph Hasenhuttl/Nathan Jones), Leeds Utd (Jesse March/Javier Gracia), Crystal Palace(Patrick Vieira) u Wolves (Bruno Lage/Steve Davis). Fil-parentesi jidhru l-ismijiet tal managers li tkeċċew fejn kien hemm klabbs li keċċew aktar minn manager wieħed.

Southampton kien fost it-timijiet relegati u tilef postu mill-Premiership wara 11-il sena magħhom kienu relegati wkoll Leicester u Leeds u ġew promossi flokhom Burnley, Sheffield Utd u għall-ewwel darba Luton Town.

# FORMULA WIEĦED 2023

# Max Verstappen jerġa' favorit f'kampjonat rekord ta' 24 tiġrija



## L-akbar sfidant se jkun Sergio Perez it-tieni sewwieq tar-Red Bull

Iċ-champion tad-dinja, l-Olandiż Max Verstappen li jsuq Red Bul hu l-akbar favorit li jerġa' jirbaħ il-Kampjonat tal-Formula Wieħed għat-tielet darba nfila, kampjonat b'rekord ta' 24 tiġrija, wara li l-FIA żiedet fil-programm il-GP ta' Las Vegas li se jsir fit-18 ta' Novembru.

Verstappen beda b'saħħtu u mill-ewwel tmien GP's rebaħ sitta. Hu diġà fetaħ vantaġġ ta' 69 punt fuq dak li jidher li se jkun l-akbar sfidant tiegħu, il-Messikan Sergio Perez it-tieni sewwieq tar-Red Bull li rebaħ it-tnejn l-oħra. Dan jindika s-supremazija li se jkollhom ir-Red Bull f'dan il-kampjonat li rebħu t-tmien GPs li saru.

Fernando Alonso s-sewwieq nru 1 tal-Aston Martin diġa' telà fuq il-podium sitt darbiet għax fl-ewwel tliet tiġrijiet spiċċa fit-tielet post u għamel ukoll l-istess fil-GP ta' Miami u tal-Kanada. L-aħjar riżultat li kellu l-Ingliż eks Champion tad-Dinja, Lewis Hamilton s'issa kien it-tieni post f'Melbourne u f'Barcelona. Skont Hamilton, anki din is-sena l-Mercedes m'għandhomx karozza biex jisfidaw lir-Red Bull.

Il-Ferrari li kienu sfidanti ewlenin tar-Red Bull is-sena l-oħra kisbu podium wieħed, it-tielet post permezz ta' Charles Leclerc fil-GP tal-Azerbaijan f'Baku.

## Il-programm tat-tiġrijiet li fadal hu dan:

**2 ta' Lulju: Awstrija (Spielberg)**
**9 ta' Lulju: Renju Unit (Silverstone)**
**23 ta' Lulju: Ungerija (Budapest)**
**30 ta' Lulju: Belġju (Spa-Francorchamps)**
**27 ta' Awwissu: Olanda (Zandvoort)**
**3 ta' Settembru: Italja (Monza)**
**17 ta' Settembru: Singapore (Marina Bay)**
**24 ta' Settembru: Ġappun (Suzuka)**
**8 t'Ottubru: Qatar (Losail)**
**22 t'Ottubru: Stati Uniti (Austin)**
**29 t'Ottubru: Messiku (Mexico City)**
**5 ta' Novembru: Brażil (Sao Paulo)**
**18 ta' Novembru: Stati Uniti (Las Vegas)**
**26 ta' Novembru: Abu Dhabi (Yas Marina)**

**Nota – Il-GP ta' San Marino f'Imola li kellu jsir fil-21 ta' Mejju kien pospost minħabba maltemp kbir.**






## Ir-riżultati s'issa kienu dawn:

GP tal-Bahrain f'Sakhir

Max Verstappen (Red Bull)

Sergio Perez (Red Bull)

Fernando Alonso ( Aston Martin)

GP tal-Għarabja Sawdita f'Jeddah

Sergio Perez (Red Bull)

Max Verstappen (Red Bull)

Fernando Alonso (Aston Martin)

GP tal-Awstralja f'Melbourne

Max Verstappen (Red Bull)

Lewis Hamilton (Mercedes)

Fernando Alonso ( Aston Martin)

GP tal-Azerbaijan f'Baku

Sergio Perez (Red Bull)

Max Verstappen (Red Bull)

Charles Leclerc (Ferrari)

GP tal-Istati Uniti f'Miami

Max Verstappen (Red Bull)

Sergio Perez (Red Bull)

Fernando Alonso (Aston Martin)

GP ta' Montecarlo f'Monaco

Max Verstappen (Red Bull)

Fernando Alonso (Aston Martin)

Esteban Ocon (Alpine Renault)

GP tal-Katalunja f'Barcelona

Max Verstappen (Red Bull)

Lewis Hamilton (Mercedes)

George Russell (Mercedes)

GP tal-Kanada f'Montreal

Max Verstappen (Red Bull)

Fernando Alonso (Aston Martin)

Lewis Hamilton (Mercedes)

L-ewwel 10 postijiet fil-klassfika tas-sewwieqa hija din:

1.Max Verstappen 195 punt; 2. Sergio Perez 126; 3. Fernando Alonso 117; 4. Lewis Hamilton 102; 5.Carlos Sainz 68; 6. George Russell 65; 7. Charles Leclerc 54; 8. Lance Stroll 37; 9. Esteban Ocon 29; 10. Pierre Gasly 15.

L-ewwel ħames postijiet fil-klassifika tal-Kostrutturi hija din:

1.Red Bull 321 punt; 2. Mercedes 167; 3.Aston Martin Aramco Mercedes 154; 4. Ferrari 122; 5. Alpine Renault 15.

20 sewwieq u għaxar timijiet qed jieħdu sehem fil-Kampjonat F1 ta' din is-sena:

Red Bull – Max Verstappen, Sergio Perez

Ferrari – Charles Leclerc, Carlos Sainz

Mercedes – Lewis Hamilton, George Russell

Alpine - Pierre Gasly, Esteban Ocon

McLaren - Nando Norris, Oscar Plastru

Alfa Romeo – Zhan Guangu, Valtteri Bottas

Aston Martin – Fernando Alonso, Lance Stroll

Haas – Kevin Magnusson, Nico Hulkenberg

Alpha – Tauri Yuki Tsunado, Nyck de Vries

Williams – Logan Sargaent, Alex Albon

# Xahrejn bogħod mill-ftuħ ta' edizzjoni finali oħra għall-ewwel darba bi 32 tim



Għall-ewwel darba 32 nazzjon se jieħdu sehem f'edizzjoni oħra tat-Tazza tad-Dinja tan-Nisa li se tinlagħab fl-Awstralja u fi New Zealand bejn l-20 ta' Lulju u l-final tintlagħab fl-20 ta' Awwissu ta' din is-sena. L-ewwel edizzjoni ta' din it-Tazza tad-Dinja ntlagħbet fl-1991 bi 12-il tim. Fl-1999 fl-Istati Uniti l-finalisti żdiedu għal 16 u mill-edizzjoni tal-2015 fil-Kanada n-numru ta' finalisti tela' għal 24. Il-poloz tal-gruppi finali ttellgħu f'Ottubru tal-2022 bil-logħba tal-ftuħ se tkun bejn New Zealand u n-Norveġja fl-20 ta' Lulju.

B'kollox se jintużaw 10 grawnds, sitta fl-Awstralja u erbgħa fi New Zealand. Il-grawnds li se jintużaw fl-Awstralja huma dawk ta' Brisbane, Adelaide, Melbourne, Perth, tnejn f'Sydney waqt li fi New Zealand se jintużaw l-Istadiums f'Dunedin, Auckland, Hamilton u Wellington. Il-logħba tal-ftuħ bejn New Zealand u n-Norveġja se tintlagħab fl-Eden Park Stadium ta' Auckland fl-20 ta' Lulju u l-final fis-Sydney Olimpic Stadium fl-20 ta' Awwissu. L-Awstralja wkoll se tilgħab l-ewwel logħba tagħha fl-20 ta' Lulju kontra l-Irlanda fi Stadium Australia. B'kollox se jintlagħbu 64 logħba tnax iżjed milli kienu ntlagħbu fil-finali ta' Franza fl-2019.

It-tmien edizzjonijiet li ntlagħbu s'issa erbgħa ntrebħu mill-Istati Uniti, darbtejn mill-Ġermanja u darba kull wieħed min-Norveġja u l-Ġappun. Fil-11 ta' April kemm fl-Awstralja u wkoll fi New Zealand saret ċerimonja li mmarkat li dawn il-finali huma 100 jum bogħod mill-ftuħ tad-disa' edizzjoni. L-Istati Uniti huma ċ-Champions renjanti u fl-Awstralja u New Zealand se jippruvaw jirbħu dan it-titlu għat-tielet darba konsekuttiva u l-ħames wieħed tagħhom. F'dawn il-finali se jkunu qed jiddefendu wkoll 17-il logħba konsekuttiva mingħajr telfa li għandhom fil-finali ta' dan it-titlu mondjali. Iċ-Champions Ewropej preżenti huma l-Ingilterra u dawk tal-Amerika t'Isfel, il-Brażil.

Nhar il-Ġimgħa l-Kbira l- Ingilterra u l-Brażil lagħbu fl-ewwel edizzjoni ta' dik li ssejħet il-Finalissima u li ntrebħet mill-Ingliżi 4-2 bil-penalties wara draw ta' 1-1 quddiem 83,000 spettatur f' Wembley. Wara dik il-logħba waslet ukoll l-ewwel telfa għall-Ingilterra 2-0 kontra l-Awstralja f'logħba ta' ħbiberija u din kienet wara 31 logħba taħt it-tmexxija ta' Sarina Wiegman.

L-organizzaturi qed jistennew li għat-62 logħba jattendu ftit aktar minn miljun spettatur u sa tmiem April kienu diġà bieghu mal-650,000 biljett.

FIFA WOMEN'S WORLD CUP AU NZ 2023™



## It-32 tim maqsum fi tmien gruppi huma dawn:

Grupp A - New Zealand, Norveġja, Filippini, Żvizzera
Grupp B – Awstralja, Irlanda, Niġerja, Kanada
Grupp C – Spanja, Kosta Rica, Zambja, Ġappun
Grupp D – Ingilterra, Haiti, Danimarka, Ċina
Grupp E – Stati Uniti, Vietnam, Olanda, Portugall
Grupp F – Franza, Ġamajka, Brażil, Panama
Grupp G – Żvezja, Afrika ta' Isfel, Italja, Arġentina
Grupp F – Ġermanja, Marokk, Kolombja, Korea t'Isfel